-

**Laqgħa Numru 68**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**17 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-5.00pm għax ma kienx hemm quorum qabel.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit- Kunsillier

Jeanelle Attard- Kunsilliera

n/a

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**68.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

68.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

68.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 67 li saret nhar il-Ġimgħa 20 t'Ottubru 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.3.1 Is-Sindku kkomunika li kien għaddejjin pjanijiet biex ix-xelter fil-pjazza San Ġwann jiġu devoluted. Hemm ċans li dawn jitnaddfu u jsir proġett fuq dan ix-xelter

68.3.2 B'referenza għas-sejħa li kull kunsill f'Għawdex irċieva min-naħħa tal-Ministeru għal Ghawdex rigward l-Iskema ta' Postijiet Storiċi, is-Sindku kkomunika li kien tqabbad il-Perit Shawn Spencer Micallef fuq l-arloġġ tax-xemx li kien ukoll issemma' fil-laqgħat ta' qabel. Il-Perit kellu jħejji BOQ bi stima. Ħafna xogħol huwa rigward l-aċċess għall-arloġġ. Il-kunsillier Hubert Saliba qajjem il-punt li l-Perit imsemmi ma kienx jaħdem fuq restawr u għalhekk issuġġeriexxa li għandha titqabbad l-Perit Ivana Farrugia. Il-membri presenti unanimament qablu ma' dan. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tkellem lil Perit Ivana Farrugia minnufih. Il-Kunsillier Hubert Saliba ssuġġerriexxa li għandu jsir restawr fejn m'hemmx terzi persuni nvoluti bħas-salib tal-pjazza imma l-membri preżenti ma qablux ma' dan u qablu li għandu jiġi restawrat l-arloġġ tax-xemx kif kienu qablu l-membri tal-Kunsill fil-laqgħat preċedenti.

68.3.3 Is-Sindku rreferra ghall-proġett ta' tisbiħ tal-bandli u kkonferma li l-assessment għadu ma ġiex preżentat lil Kunsill.

68.3.4 Is-Sindku preżenta l-offerti li ntefgħu ghat-Tender tar-Resurfacing ta' Trejqet Ħaġret L-Armi u Triq Santa Teodora. L-offerti mitfugħa kienu ferm ogħla mill-istima preparat mill-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tkellem lil Perit minnufih ħalli jħejji rapport fuq id-diskrepanza u jekk hemm bżonn it-tender jitwaqqa' u joħroġ mill-ġdid.

68.3.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat il-lista ta' talbiet ta' bankini lis-Sekretarju Permanenti, is-Sur John Borg fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex minnufih biex ikunu jistgħu jipprovdu l-materjal għall-bankini minnufih.

*5.32pm Hubert Saliba kien skużat mill-kamra*

*5.33pmHubert Saliba reġa' daħal fil-kamra*

68.3.6 Is-Sindku kkomunika mal-membri li kien attenda laqgħa mal-ministru t'Ghawdex rigward il-proġett ta' tisbiħ fil-pjazza. Huwa informa li hemm perit ġdid jaħdem fuq dan il-proġett. Hemm il-ħsieb li x-xogħol għandu jibda wara l-festa ta' San Ġwann u jitlesta fix-xhur tas-sajfin.

68.3.7 Is-Sindku nforma lil Kunsill li għandu informazzjoni li Triq Il-Ħamrija ħa ssir bit-tarmac min-naħa tal-Gvern Ċentrali u traffic management għandi jsir jibda minn Għajn Qatet.

68.3.8 Is-Sindku nforma lil Kunsill li kien se joħroġ tender għal-għamara ta l-uffiċju fil-Kunsill il-Ġdid.

68.3.9 Is-Sindku rrefera għall-komunikazzjoni li għaddiet fuq it-televiżjoni fejn il-Ministeru tas-Saħħa tkellem fuq berġa ġdida fix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja fuq il-materja peress li aktar kmieni il-ħsieb kien li l-berġa kellha ssir fl-exhibition hall ħdejn il-Kunsill il-Ġdid u l-ebda komunikazzjoni ma għaddiet min-naħa tal-Ministeru tas-Saħħa lil Kunsill fuq din il-berġa l-ġdida.

68.3.10 Is-Sindku nforma lil membri tal- Kunsill preżenti li kien hemm persuna li lesta tidħol bi spejjeż tagħha għall-proġett ta' *park* żghir ta' tjur u annimali fi Ġnien Blankas. S'issa hemm biss il-ħsieb. Jekk dan il-ħsieb imbagħad jiġi żvillupat għandhom jittieħdu l-pariri ta' l-esperti li jistgħu jigwidaw lil Kunsill fuq proġett simili.

**68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

68.4.1 Il-kunsillier Domenic Zerafa talab li mmedjatament kellha tintalab li ssir laqgħa mal-Ministru t'Għawdex għax ix-Xewkija kienet waħda mill-unika rħula li għadha ma saritx laqgħa mal-Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet not ta' dan biex titlob laqgħa minnufih.

68.4.2 Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mill-Kunsilliera hekk kif il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lil Kunsill li kellhu jitlaq minħabba mpenji personali.

## 68.9 Korrispondenza u Materji Oħra

68.9.1. Laqgha ta' Konsultazzjoni dwar Speed Cameras ġewwa Għawdex - Nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru 2017 fil-5.30p.m fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex

68.9.2. CIR AKL 81/2017 - Laqgħa tas-Sindki, 15 u 16 ta' Diċembru 2017, Grand Hotel, Mġarr, Għawdex - Formoli tar-Reġistrazzjoni

68.9.3 CIR AKL 82/2017 - Reġistrazzjoni għas-sit elettroniku ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar

68.9.4 Imejl minn Marita Caruana titlob biex tieħu sehme fil-Karnival 2018. Prezz €350

68.9.5 Imejl mis-Sinjorina Fiona Grech biex jitneħħa palm infettat fi Ġnien Il-Ħaddiem

68.9.6 Korrispondenza mis-Sur Christopher Magri rigwards RDP 2014-2020 Measure 4.3 Support for Investments in Infrastructure related to development, modrenisation or adaptation of agriculture and forestry

68.9.7 Imejl minn Lisa Brooke rigward iż-żjara tal-President fit-8 ta' Diċembru 2017 bejn il-5.10pm u 5.40pm

68.9.8 Korrispondenza rigward iċ-ċelebrazzjonijiet tal-ġimgħa ddedikata għad-Diżabilita' f'Diċembru

68.9.9 CT 5028/2017 *Blacklisitng of Cleaning and Security Services Ltd*

68.9.10 Imejl mingħand Antoine Zammit rigward numru ta' nuqqasijiet fil-Playing Fields.

68.9.11 Imejl mill-Muesac fuq opportunita' ta ko-finanzjament għall-proġetti taħt Asylum, Migration and Integration

68.9.12 Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi li tagħlaq fil-1 ta' Diċembru, 2017-11-17

68.9.13 Imejl mill-madam bil-prezz tal-bouncing castle għall-Fun Day ta-Milied

68.9.14 Korrispondenza rigward il-bini tal-Kunsill

68.9.15 Talba mia-Sinjura Pauline Vella biex isir xi ħaġa minħabba l-problema ta' l-għargħar li jkun hemm meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill wara li ddiskutta l-ilment qabel li din ma kinitx taħt il-kompitu tal-Kunsill.

68.9.16 Talba mis-Sinjura Maria Ciniu mis-SinjuarRita Salaiba għal bozza mal-post tagħha wara li nqalgħet bozza li kien hemm fl-istess triq. Il-membri preżenti qablu li din għandha ssir minnufih.

68.9.17 Talba mis-Sinjur John Cauchi biex Triq Ċappelli terġa' ssir one way kif kienet originarjament. Il-membri tal-Kunsill ma laqghux din it-talba peress li t-trakkijiet ma jkunux jistghu jiksru ġaladarba din issir one way.

**68.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

68.10 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**68.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

68.11.1 Il-laqgħa kellha tintemm fis-6.06pm peress li ma kienx hemm quorum . Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it- Tlieta 19 ta' Diċemrbu 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **19 ta'Diċembru 2017**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Xewkija** | **Skeda Nru. 25/66**

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21/10/2017 sa 17/11/2017**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | CANCELLED | | | D | PF | | | | | | | 12898 |
| 2 | Ghaqda Dilettanti Nar San Gwann | €227.38 | €227.38 | D | PF | Insurance- Festa Qtugħ Ir-Ras ta' San Gwann | 24.08.2017 | 12978 | | | | 12899 |
| 3 | Petty Cash | €228.53 | €228.53 | D | PF | Petty Cash | 20.10.2017 | | | | | 12900 |
| 4 | Frances Saliba | €68.78 | €68.78 | D | PF | Reimbursement for Cleaning/ General Expenses Jum Ix-Xewkija & Żjara Taljani | 9.11.2017 | CR | | | | 12901 |
| 5 | Maltapost | €26.00 | €26.00 | D | PF | Bolol | 15.11.2017 | | | | | 12902 |
| 6 | CANCELLED | | | | | | | | | | | 12903-12905 |
| 7 | Pandora | €794.61 | €794.61 | D | PF | Kotba għal-librerija | 13.11.2017 | 671/674/675 | | | | 12906 |
| 8 | The Box Bargainshop | €299.00 | €299.00 | D | PF | Kotba għal-librerija | 8.11.2017 | Jan-00 | | | | 12907 |
| 9 | Book Distributors Ltd | €716.05 | €716.05 | D | PF | Kotba għal-librerija | 8.11.2017 | May-79 | | | | 12908 |
| 10 | Smart Office Supplies | €89.32 | €89.32 | D | PF | Stationary | 27.10.2017 | 66343 | | | | 12909 |
| 11 | Go Plc | €238.99 | €238.99 | D | PF | Nov Rental & Oct Charge Library, LC Telephone & Internet | 03.11.2017 | 56753765 | | | | 12910 |
| 12 | Arms Ltd | €117.63 | €117.63 | D | PF | Public Toilets Pjazza 26.08.2017-23-10.2017 | 10.11.2017 | 24921815 | | | | 12911 |
| 13 | Arms Ltd | €16.42 | €16.42 | D | PF | Post Clock Pjazza 24.08.17-23.10-2017 | 10.11.2017 | 24921813 | | | | 12912 |
| 14 | Arms Ltd | €14.67 | €14.67 | D | PF | Public Convenience Playing Field 24.08.17-23.10.17 | 10.11.2017 | 24921814 | | | | 12913 |
| 15 | Strand Electronics | €36.58 | €36.58 | T | PF | Kera ghal Ottubru 2017 | 30.10.2017 | 372195 | | | | 12914 |
| 16 | Gozo Express | €16.52 | €16.52 | D | PF | Kurrier Malta għal RSM | 30.09.2017 | A35437 | | | | 12915 |
| 17 | Joe Mizzi | €53.10 | €53.10 | D | PF | Tiswija fuq l_Exchange Lines waraħsara b'sajjetta | 31.10.2017 | 1381241 | | | | 12916 |
| 18 | Catherine Vella | €62.05 | €62.05 | D | PF | Ghoti tal-labra ta' l-influenza u xiri ta' cotton pads ingwanti | 07.11.2017 | 10.17 | | | | 12917 |
| 19 | Jacqueline Refalo | €100.00 | €100.00 | D | PF | Servizz fil-Librerija Settembru | 28.10.2017 | 3979 | | | | 12918 |
| 20 | Jacqueline Refalo | €100.00 | €100.00 | D | PF | Servizz fil-Librerija Ottubru | 30.10.2017 | 3980 | | | | 12919 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,205.63** | **€3,205.63** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€3,205.63** | **€3,205.63** | | | | | | | | | |

**IFFIRMATA**

Paul Azzopardi
Sindku

**IFFIRMATA**

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**IFFIRMATA**

Domenic Zerafa
Viċi Sindku

**IFFIRMATA**

Jeanelle Attard
Kunsilliera

**Kunsill Lokali: Xewkija** **Skeda Nru. 25/66**

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21/10/2017 sa 17/11/2017**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Monica Mercieca | €403.58 | €403.58 | D | PF | Servizz ta' Librar Ottubru | 31.10.2017 | 10.2017 | | | | 12920 |
| 22 | J.F. Attard | €50.00 | €50.00 | D | PF | Diesel lit-Truck | 03.11.2017 | 8345 | | | | 12921 |
| 23 | Island Tech | €25.00 | €25.00 | D | PF | Self Inking Dater | 07.11.2017 | 25 | | | | 12922 |
| 24 | Projects & Dev Cleansing Section | €282.53 | €282.53 | DA | PF | Attendenza mal-Public Toilet | 03.11.2017 | 282.53 | | | | 12923 |
| 25 | Island Tech | €11.90 | €11.90 | D | PF | Karti u Rechargeable Batteries għal-Librerija | 27.10.2017 | 12271 | | | | 12924 |
| 26 | Connect Express Couriers | €13.00 | €13.00 | D | PF | Servizz ta' Kurrier- Bonnici, Burmarrad | 12.09.2017 | 48343/48356 | | | | 12925 |
| 27 | KIP | €726.23 | €726.23 | D | PF | Otturbru 5 Extra Organic Collections | 31.10.2017 | 24054 | | | | 12926 |
| 28 | KIP | €3,084.16 | €3,084.16 | D | PF | Ottubru Refuse Collections | 31.10.2017 | 24053 | | | | 12927 |
| 29 | Donald Camilleri | €85.00 | €85.00 | D | PF | Dwal- Gauletana Festival | 03.07.2017 | 113 | | | | 12928 |
| 30 | Donald Camilleri | €490.00 | €490.00 | D | PF | Bdil ta Bozoz- Ta' Hamet, Pjazza San Gwann u Playing Fields | 03.07.2017 | 114 | | | | 12929 |
| 31 | Donald Camilleri | €835.00 | €835.00 | T | PF | Dwal- Fior D' Argenta | 20.09.2017 | 116 | | | | 12930 |
| 32 | Donald Camilleri | €183.00 | €183.00 | D | PF | Electrician Service- Librerija | 20.10.2017 | 117 | | | | 12931 |
| 33 | Ta Lourdes Garage | €1,175.00 | €1,175.00 | D | PF | Servizz ta' Minibus 20.4.17 sa 28.06.17 | 30.06.17 | 146 | | | | 12932 |
| 34 | Parker Randall Turner | €501.50 | €501.50 | D | PF | Accountant Service Awwisu u Settemrbu 2017 | 02.10.2017 | 701006 | | | | 12933 |
| 35 | Power Sound | €3,000.00 | €3,000.00 | D | PF | PA System Rajtek Tinbidel | 25.08.2017 | 1084 | | | | 12934 |
| 36 | Refalo Signs | €265.50 | €265.50 | T | PF | Tabelli No Entry Sign u Tabella Stop Sign | 18.11.2016 | 16-1276 | | | | 12935 |
| 37 | Mario Zammit | €250.00 | €250.00 | T | PF | Ħriet matul Settemrbu filĠonna tal-Kunsil | 30.09.2017 | 9.17 | | | | 12936 |
| 38 | Ta' Lourdes Garage | €23.60 | €23.60 | D | PF | Servizz ta' Minibus mix-Xewkija sax-Xatt (Castelvenere) | 11.09.2017 | 147 | | | | 12937 |
| 39 | Arms | €43.59 | €43.59 | DA | PF | Ġnien Blankas 20.07.2017 to 22.09.2017 | 04.11.2017 | 24773940 | | | | 12938 |
| 40 | Arms | €38.49 | €38.49 | T | PF | Ta' Gokk Playing Field | 04.11.2017 | 24773938 | | | | 12939 |
| 41 | St John Foodstore | €65.50 | €65.50 | D | PF | Spejjez ġenerali u ta' tindif għall-ufiċju | 25.10.2017 | 13 | | | | 12940 |
| 42 | Mario Zammit | €46.60 | €46.60 | D | PF | Reimbursement: Diesel għall-mohriet | 31.10.2017 | 24/41982 | | | | 12941 |
| 43 | Gatt Tarmac | €38,975.44 | €10,000.00 | D | PP | Storm Water Culverts | 29.12.2016 | 1754 | | | | 12942 |
| | **Sub Total c/f** | **€50,574.62** | **€11,599.18** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€3,205.63** | **€3,205.63** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€53,780.25** | **€14,804.81** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**IFFIRMATA**

Paul Azzopardi
Sindku

**IFFIRMATA**

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Domenic Zerafa
Viċi Sindku

**IFFIRMATA**

Jeanelle Attard
Kunsilliera